**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Novembru 2001**

Avviz numru 69/1996

Carmel Camilleri

-vs-

Andrew Muscat u martu Bernarda sive Nadette Muscat

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ipprezentat fl-14 ta' Novembru 1996 permezz ta' liema l-attur qieghed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' erba' mija u disghin lira Maltija (Lm490) dovut minnhom bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' xoghol ta' mastrudaxxa u affini mwettaq mill-mittenti fuq ordni u ghall-beneficcju taghhom.

Bl-interessi fuq din is-somma b'effett mill-1 ta' Jannar 1995 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' Jannar 1996 u dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu 1996 kontra l-konvenuti; u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti qeghdin jopponu t-talba billi eccepew illi:

1. t-talbiet attrici huma infondati ghaliex ix-xoghol ta' mastrudaxxa li twettaq mill-attur ma huwiex skond is-sengha u l-arti u dan ghalkemm gie interpellat diversi drabi sabiex jirimedja ghal dan naqas li jaghmel dan.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, it-talba ta' l-attur ghall-hlas tal-bilanc ta' erba' mija u disghin lira Maltin (Lm490) mhijiex dik korretta peress illi kif jirrizulta mill-ircevuta mahruga mill-attur innifsu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) il-bilanc dovut huwa ta' erba' mija u erbghin (Lm440) lira Maltin.

3. Salvi ecezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal tal-10 ta' Lulju 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Il-fatti rizultanti mill-provi prodotti juru li l-atturi kienu qabdu lill-konvenut biex jahdem u jesegwixxi xoghol ghan-nom taghhom konsistenti fi kcina, mejda, zewg siggiijiet u kamra tal-pranzu kif jirrizulta minn fattura folio 9 rilaxxjata mill-konvenut fit-22 ta' Awissu 1994.

Illi fil-kors tal-proceduri l-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil Charles Sultana bhala perit tekniku (ara folio 11). Huwa xehed fil-5 ta' Novembru 1997. Minn din ix-xhieda jirrizultaw l-allegati difetti lamentati mill-konvenuti rigward ix-xoghol esegwit u kkonsenjat mill-attur. Gie konstatat li d-"difett" kien jikkonsisti unikament filli fuq il-unit tal-kcina mahduma mill-attur tpogga l-granit li stante li ma kellux support adegwat inqasam.

Mix-xhieda ta' l-espert dan il-qsim kien lokalizzat fejn hemm il-forn u li kien gia akkada fejn hemm is-"sink" u gie rimedjat billi sar support adegwat. Fi kliem l-espert "l-unika haga li jonqos li jsir f'din il-kcina hija illi jsir wicc taht dan il-grantit biex ikun hemm support ahjar" komportanti spiza ta' cirka sittin lira Maltin (Lm60).

Ghalhekk il-vertenza, apparti l-quantum, tirriduci ruhha kollha kemm hi, fuq dan il-wicc. Skond il-konvenut ix-xoghol li kien mqabbad jaghmel kien "Bank ta' kcina minghajr wicc" u hawnhekk il-Qorti, mill-provi prodotti, rrizultalha li hekk kien. Difatti l-konvenut stqarr li l-attur kien qal li jekk il-wicc jaghmlu hu l-prezz kien jizdied b'mitt lira Maltin (Lm100) mentri jekk kien ser isir tal-granit ir-responsabilita' kienet tkun fuqu. Il-konvenut ghazel li l-wicc isir tal-granit u mhux kontestat li fuq daqshekk l-attur ma kellu xejn x'jaqsam. Jigifieri l-konvenuti assumew ir-responsabilta' tal-granit li kienu ser ipoggu fuq il-bank u ma liema materjal (il-granit) l-attur ma kellux xejn x'jaqsam. Huwa irrilevanti, fil-hsieb ta' din il-Qorti, dak li sar fir-rigward il-mejda stante li l-unika haga rilevanti fil-kuntest ta' din il-parti tal-vertenza hu l-bank tal-kcina. Tinnota fl-istess kuntest li l-bank per se baqa' intatt u l-qasma fil-granit kienet dovuta unikament ghan-nuqqas ta' support adegwat, mhux tal-bank, li ma gralu xejn, imma ta' l-istess granit li mieghu, jigi ribadit, l-attur ma kellu xejn x'jaqsam.

Ikkunsidrat dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti;

Illi meta xehed il-konvenut kien wisq car dwar li l-attur ghamel xoghol iehor li ma kienx inkluz fil-fattura.  Il-konvenut jippretendi li ta’ dan ix-xoghol m’ghandux ihallas billi jsostni li l-istima tax-xoghol kollu hija dik indikata fil-fattur gia citata aktar ‘il fuq.  Il-konvenut pero’ ma gab ebda prova li dan hu l-kaz u l-Qorti tara li bhala xoghol kien hemm oltre dak li jissemma’ fil-fattura.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq premessi tiddeciedi li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-waqt li tilqa’ t-talba attrici u kwindi tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u disghin lira Maltin (Lm490) bl-imghax mill-ittra ufficjali ta’ Marzu 1996 u l-ispejjez ta’ din il-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur